KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 2**

**L-Erbgħa, 17 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa | Doreen Mintoff | Accountant (online) |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**02.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**02.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet familjari. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**02.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 01)**

**02.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 01.

**02.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana u sekondat mill-Viċi Sindku Josette Busuttil, il-minuti ta' seduta 01 ġew approvati unanimament.

**02.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**02.03.01** *Żbir ta' siġar fi Triq l-Imnarja*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn isir żbir ta' siġar fi Triq l-Imnarja. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: A, li tiswa €826. Ix-xogħol huwa skedat għal Settembru. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

*Fis-17:40 ingħaqdet il-Kunsilliera Rohasia Zammit.*

**02.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**02.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li ġie avviċinat mill-Kunsillier Alex Caruana fejn talbu biex jitneħħa mill-bord tal-evalwazzjoni tat-tenders għax iħoss li għandu ħafna x'jieħu ħsieb u għandu dekasteri impenjattivi. Is-Sindku Scott Camilleri qal li fehem u aċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsillier Alex Caruana u allura mhux se jkun fil-bord tal-offerti pubbliċi u li minfloku se tkun maħtura l-contracts manager tal-Kunsill Dr Alessia Psaila Zammit.

**02.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-proċess marbut mal-loġistika tal-festa miexi sew. Huwa qal li rigward it-tindif qed isir kordinament mal-Cleansing. Il-kunsilliera Karel Zahra u Darren Mark Debono talbu għal kopji tal-pjanti u permessi tal-kjosks kif ukoll tal-imwejjed u s-siġġijiet.

**02.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill Lokali flimkien mal-Għaqda Storja u Kultura, nhar il-Ħadd li għadda nġabar ammont kbir ta' oġġezzjonijiet minn fuq iz-zuntier tal-knisja fir-rigward tal-mudelli tal-ajruplani f'Ħal Far.

**02.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li żewġ impjegati tal-Kunsill, il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit kif ukoll l-iskrivana Anabel Micallef preżentaw il-kwalifiki rispettivi tagħhom sabiex jibbenifikaw minn allowance. Il-kunsilliera kollha approvaw li jingħataw dan l-allowance marbut mal-kwalifiki tagħhom.

**02.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-bajja ta' San Ġorġ infetħet nhar it-Tnejn li għadda u se jkun hemm iżjed ittestjar tal-bajjiet. Huwa semma wkoll li l-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea tkellem mal-ERA biex isir iktar ittestjar.

*Hawnhekk is-Sindku Scott Camilleri qal li billi l-Kunsillier Alex Caruana se jkollu bżonn jitlaq, ħa jressaq talbiet mill-korrispondenza sabiex jiġu diskussi issa.*

**02.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma l-applikazzjoni PA/03829/16 dwar it-twaqqigħ tal-impjant tal-31 ta' Marzu f'Dawret il-Qalb Imqaddsa. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti ġie maqbul li nibagħtu l-interess tagħna f'din l-applikazzjoni.

**02.04.07** Il-Kunsillier Alex Caruana ppreżenta lis-Sindku Scott Camilleri sett ta' pjanti tal-pjanijiet eżistenti u proposti biswit Cabo Terrace fi Triq Ħal Far. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti, is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana tkellmu dwar id-diversi suġġerimenti tar-residenti li jgħixu fiż-żona Tal-Papa. Qed jiġi suġġerit li minn Triq Ħal Far sa Triq il-Gandoffla ssir one-way, imma huma jaħsbu li mhux daqshekk faċli li ssir peress li m'hemm l-ebda triq alternattiva minn fejn jgħaddi t-traffiku. Ġie deċiż li għalissa ħa mmexxu fuq il-proġett ta' ħdejn Cabo Terrace u wara, jekk jiġi osservat li jkun hemm lok ta' titjib, niddiskutu x'jista jsir għall-aħjar. Il-pjanti se jintbagħtu lill-Perit Luke Portelli sabiex jikkjarifika u wara jintbagħtu lil TM għall-evalwazzjoni min-naħa tagħhom.

## 02.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**02.05.01** Il-Kunsillier Ivan Abela Grech ressaq mistoqsija dwar il-permess ta' dħul u parkeġġ ta' vetturi fix-xatt ta' Birżebbuġa. Huwa xtaq ikun jaf in-numru ta' vetturi li bħalissa għandhom permess bil-miktub biex ikunu jistgħu jinżlu bil-vettura fuq ix-xatt kollu ta' Birżebbuġa (minn bejn is-Seaside sa District 5), kif ukoll x'jinkludi l-permess; jekk hux għal un/loading, għar-residenti li għandhom ir-residenza tagħhom bejn Angolina u District 5, u jekk jistgħux jipparkjaw fuq in-naħa li tagħti eżatt mar-ramel. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Kunsill qatt ma ddikjara li f'dik iż-żona ma jistax isir ipparkjar. Dak huwa punt li jrid jiġi evalwat u diskuss minn dan il-Kunsill. Huwa qal li annessa lista ta' min għandu l-aċċess biex jinżel hemm u ssuġġerixxa li għal-laqgħa li jmiss wieħed mill-items tal-aġenda għandu jkun dwar il-barrier u x-xatt (l-immaniġġjar taż-żona). Ġie maqbul li din tkun fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

**02.05.02** Il-Kunsillier Ivan Abela Grech ressaq mistoqsija dwar il-permess ta' gabbani fuq ix-xatt ta' Birżebbuġa. Huwa xtaq ikun jaf x'permess hemm għall-użu ta' gabbani fuq ix-xatt, kemm huwa twil il-perjodu għal dawn il-permessi, u jekk is-sidien tal-gabbani għandhomx il-permess ukoll li jinżlu bil-vetturi privati tagħhom: jekk iva, x'jinkludi l-permess u jekk hemmx kollox bil-miktub. Is-Sindku Scott Camilleri wieġbu li f'dawn l-aħħar ftit snin ma ħareġ l-ebda permess relatat ma' gabbani fuq ix-xatt.

**02.05.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar kif se jitmexxa l-kumitat tal-attivitajiet billi rċeviet korrispondenza li l-karnival tas-sajf mhux se jsir. Huwa qal li filwaqt li tirrispetta din id-deċiżjoni, tixtieq tkun taf fuq liema deċiżjoni ttieħdet mill-kumitat kollu. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb billi qal li bagħat email lil membri fil-kumitat, fejn il-kumitat naqas milli jikkummenta. Id-deċiżjoni ttieħdet frott ir-raġuni spjegata fil-korrispondenza mis-Sindku stess. Huwa qal ukoll li se jitlob għal laqgħa mal-kumitat.

**02.05.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar Triq Birżebbuġa, fejn qalet li hemm biċċa bl-iskossi in-naħa ta' fejn kien il-ħanut Baby Sky u li din hemm bżonn titqaxxar u terġa' tingħata wiċċ ġdid għax l-art qed titriegħed kull darba li jgħaddu l-

vetturi. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li diġà saret talba lil IM, marbuta mal-pjan ta' ħidma li kien ħareġ, imma issa rġajna tlabna laqgħa oħra ma' IM ħalli nerġgħu nqajmu din it-talba.

**02.05.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija sabiex jiġi diskuss ix-xiri ta' prodotti mingħand suppliers li jixtri mingħandhom il-Kunsill. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din mhux mistoqsija imma trid issir f'forma ta' mozzjoni/rakkomandazzjoni u titla' parti mill-aġenda.

**02.05.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar talba mir-residenti li jagħmlu użu mill-bajja ta' San Ġorġ. Hija spjegat li trid tittieħed azzjoni immedjata billi jinsab mezz biex tiġi solvuta din il-problema mill-aktar fis qabel tiżdied il-popolazzjoni u l-użu tad-drenaġġ. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb billi qal li l-bajja reġgħet infetħet mill-ġdid nhar it-Tnejn, 15 ta' Lulju. Semma wkoll li ntbagħtet korrispondenza lill-Water Services biex issir investigazzjoni fl-akkwata.

**02.05.07** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-proġett ta' rinovar fi Triq iż-Żebbuġ, li qed jipproponi l-Kunsill Lokali permezz tal-Public Works Division. Hu ġie avviċinat minn familja li toqgħod f'din iż-żona fejn dawn qed jitolbu li ma jsirux il-bankijiet minħabba diversi problemi u kwistjonijiet li diġà huma eżistenti f'din iż-żona. Il-Kunsill diġà kien qabel li dawn il-bankijiet ma jsirux. Din il-familja spjegat lill-Kunsillier Alex Caruana li jekk il-proġett se jsir kif propost mill-Perit tal-Public Works Division, huma ma jkunux jistgħu jdaħħlu vetturi bħal cherry picker/high-up kull meta jkollhom bżonn li jduru r-residenza tagħhom. Qalulu wkoll li jekk ħa jitħawlu siġar fil-konki hemm iċ-ċans li bl-istess għeruq tagħhom issirilhom ħsara fil-bir. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti, il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Alex Caruana għandu jikkuntattja lill-perit tal-Public Works Division biex dan jara li l-fanali jiġu ma' naħa waħda u jara li fejn ħa jsiru s-siġar jibqa' l-aċċess għall-użu taċ-cherry picker. Dwar il-problema tal-għeruq tas-siġar, il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li hemm xi soluzzjonijiet anke minn siġar li nagħżlu biex inħawlu. Il-Kunsill qabel li tal-inqas fit-tarf tat-triq xorta jitħawlu siġar taż-żebbuġ peress li din it-triq jisimha għall-istess siġar.

*Fis-18:30 talab li jiġi skużat il-Kunsillier Alex Caruana.*

## 02.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**02.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ippropona li t-threshold ta' €400, li jiddeċiedu s-Sindku Scott Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, marbut max-xiri, jitla' għal €700. Dan sabiex b'hekk jitħaffef il-proċess u ma jkunx hemm il-bżonn li jistennew sas-seduta tal-Kunsill. Hu rrimarka li l-proċedura tal-procurement tibqa' l-istess: li jinġabru 3 kwotazzjonijiet. Is-Sindku Scott Camilleri kompla billi qal li hekk kif jinġabru l-kwotazzjonijiet, tingħadda email lill-kunsilliera kollha fejn dawn jingħataw 3 ijiem ċans sabiex iwieġbu. Il-kunsilliera preżenti kollha qablu ma' dan il-proċess.

**02.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm 2 tenders miftuħin: tal-car park u tal-ġonna, li għad irid isir l-aġġudikar tagħhom u għalhekk jeħtieġ li tinsab ġurnata sabiex dawn isiru. Ġie maqbul bejn il-kunsilliera membri fil-bord li l-ġurnata tkun it-Tlieta, 23 ta' Lulju, fil-17:00.

**02.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ippreżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager fuq il-mejda tal-kamra.

## 02.07 Korrispondenza

**02.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċevejna korrispondenza mir-Reġjun fejn din tgħid li jrid jitħallas kont ta' €7,643.47 billi nstabu ħafna oġġetti li ma jappartjenux mal-borża tar-riċiklaġġ. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li dan il-kont ma jitħallasx. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu.

**02.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm kumpanija tal-webcams li diġà provditilna żewġ kameras fil-lokalità. Dawn jinsabu l-bajja ta' San Ġorġ u fejn il-pitch tal-water polo. Huwa qal li ġie avviċinat minn grupp ta' nies, fosthom sidien ta' dgħajjes, sabiex tiġi installata kamera mal-Kunsill, li tkun tagħti għal fuq il-baħar, u ġie ssuġġerit ukoll li ssir oħra l-Qajjenza, fejn diġà għandna meter tad-dawl però rridu nipprovdu sim card għall-internet. L-ispiża hija dik ta' €500 fuq kull kamera, li titħallas darba biss. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu fuq dan.

**02.07.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ħareġ bl-idea li ssir mobile application tal-Kunsill. Din tkun toffri numru ta' servizzi bħal bulky refuse, rapporti ta' bozoz maqtugħin, fost oħrajn. Huwa semma li jixtieq permess, bħala Kunsill, sabiex din tiġi mitkellma mar-Reġjun. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa biex nibdew billi ninfurmaw lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li l-Kunsill għandu l-ħsieb li jimplimenta applikazzjoni diġitali sabiex ningħataw direzzjoni.

**02.07.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ta deskrizzjoni fil-qosor tal-iskemi lill-kunsilliera l-ġodda. Huwa qal li dis-sena kien hemm 5 skemi, u iktar 'il quddiem ħarġet oħra żejda. Huwa spjega li l-Kunsill applika għall-iskemi kollha. Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li kienet intbagħtet korrispondenza lill-għaqdiet kollha rigward il-World Clean-Up Day u staqsiet x'rispons kellna, però ma kien hemm l-ebda rispons, u għalhekk talbet li nibagħtu tfakkira oħra. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-uffiċjal eżekuttiv preżenti sabiex iħejji lista tal-għaqdiet. Rigward skema SPI/4/2024 dwar xogħlijiet fuq ix-xatt tal-Qajjenza, il-Kunsilliera Maria Mifsud qalet li hemm ħafna xogħol xi jsir, fosthom il-madum għax ittebba' kollu. Is-Sindku Scott Camilleri qal li se jkellem lill-perit sabiex idealment imur fuq il-post jassessja u jagħmel lista ta' prijoritajiet ħalli nimxu minn hemm. Huwa semma wkoll li rċevejna l-iskema SPI/5/2024 dwar attivitajiet kulturali annwali u natalizji 2024/2025, li tammonta għal €14,800. Is-Sindku Scott Camilleri staqsa jekk din għandhiex issir mill-NGOs. Il-qbil kien li l-Kunsillier Karel Zahra jifformola email biex ikun hemm kuntatt fuq din l-affari mal-kappillan. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-uffiċjal eżekuttiv preżenti sabiex jibgħat email lid-dipartiment fejn jitlobhom spjegazzjoni tal-proċedura sabiex Kunsill ġdid jissottometti applikazzjoni għal proġett ġdid mingħajr ma jitlef il-fondi allokati.

**02.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċevejna applikazzjoni mingħand sid ta' ħanut tal-kafè ġewwa Birżebbuġa sabiex jibda jbigħ il-kafè mill-karretta fuq ix-xatt. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li sakemm tinħareġ bye-law, dan għandu japplika għal permess t'attività meta jkun se jinżel ibigħ, peress li dan il-permess jinkludi l-kundizzjonijiet kollha, fosthom li l-karretta ma tistax titħalla hemmhekk, ma tibqax f'post fiss, li ma tkunx taħdem b'magna iżda li tiġi mbuttata, li jrid ikollu waste bin, u li jkun

responsabbli f'każ ta' inċident waqt li jkun qed jimbotta/isuq il-karretta. Il-ħlas huwa dak ta' €6.99 kuljum (dak t'attività fil-beraħ). Dan il-permess jista' jinħareġ fuq perjodu ta' ġimgħa u dejjem għandu jitla' ritratt tal-karretta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**02.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li Birżebbuġa St Peter's FC avviċinaw il-Kunsill sabiex jagħmlu stand ħalli tittella' t-tombla minn hemm billi s-sena l-oħra kellhom diversi lmenti u rapporti mal-pulizija. Il-kunsilliera preżenti qablu bil-kundizzjoni li l-istand tiżżarma kull filgħaxija. Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat ukoll sabiex issirilhom nota ħalli l-biljetti użati jintremew fil-boroż il-griżi u mhux fis-suwed, bħalma kien qed jiġri. Il-Kunsill approva din it-talba.

**02.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ġie avviċinat mir-Red Cross fejn talbu lill-Kunsill parkeġġ riservat kuljum mid-09:30 sas-18:00, sat-13 t'Ottubru 2024, sabiex ikun hemm l-ambulanza standby f'każ li tinqala' emerġenza. Il-parkeġġ riservat li ntalab huwa dak ta' biswit iż-zebra crossing, iżda l-kunsilliera preżenti qablu li, minflok, għandu jingħata t-tieni parkeġġ billi l-ambulanza jaf tkun ta' xkiel għall-karozzi li jduru minn hemm. Is-Sindku Scott Camilleri semma wkoll li dawn iridu jiġu infurmati li l-parkeġġ mhux se jkun disponibbli fil-ġimgħa tal-festa minħabba l-gabbani.

**02.07.08** Il-Kunsilliera Maria Mifsud tat deskrizzjoni qasira tal-problema tal-bankina fi Triq FM Ferretti, fejn qalet li billi l-bankina wiesgħa ħafna u hemm problema ta' parkeġġ, il-karozzi qed jitilgħu jipparkjaw fuqha. Din qed toħloq inkonvenjent għar-residenti li għandhom il-garaxxijiet hemm kif ukoll qed jinħoloq periklu meta l-karozzi qed imorru fil-karreġġjata opposta sabiex jitilgħu fuq il-bankina. Il-Kunsilliera Maria Mifsud issuġġeriet li jitpoġġew il-pots fuqha sabiex ma jipparkjawx iktar. Għalhekk ġie deċiż li ħa jitmexxew il-pots minn Wesgħa Ramon Perellos għal fuq il-bankina ta' Triq FM Ferretti.

**02.07.09** Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa għaddejjin bid-devoluzzjoni tal-gun post fi Triq l-Għerien. Huwa qara l-korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Storja u Kultura, fejn dawn urew l-interess sabiex jikkollaboraw mal-Kunsill fl-immaniġġjar tal-gun post ta' Triq iż-Żejtun, ftit 'l isfel mill-villa Overhills. Huma spjegaw li l-għaqda lesta li tieħu r-responsabbiltà, l-immaniġġjar u l-użu ta' dan is-sit storiku bil-għan li jkun jista' jservi bħala sede ċkejken minn fejn ikunu jistgħu joperaw il-missjoni tagħhom b'risq il-lokalità. Huma qalu wkoll li sabiex dan isir, jinħtieġ l-appoġġ tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku Scott Camilleri qal li trid issir laqgħa mal-istess għaqda sabiex dan il-post jiġi ċentru ta' attrazzjoni. Huwa semma wkoll li jrid jiġi fformulat ftehim mal-istess għaqda.

**02.07.10** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ħarġu l-fondi ta' Gal Xlokk, fejn fosthom hemm miżura 2 u 4. Il-Kunsillier Karel Zahra spjega li miżura 2 hija miftuħa għall-organizzazzjonijiet u mhux għall-Kunsilli Lokali. Huwa semma li din tagħlaq fit-8 t'Awwissu f'nofsinhar. Il-Kunsilliera Maria Mifsud issuġġeriet li navviċinaw lill-Girl Guides bħala waħda mill-għaqdiet li jistgħu jibbenifikaw minn din il-miżura.

*Fit-20:30 is-Sindku Scott Camilleri talab li s-seduta tiġi estiża.*

**02.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet**

**02.08.01** Is-Sindku Scott Camilleri qara l-mozzjoni 02/2024 dwar projbizzjoni ta' użu ta' konfetti tal-karti/plastik u implimentazzjoni ta'  għall-indafa wara żwieġ u festi. Il-

Kunsillier Karel Zahra ssuġġerixxa li din il-mozzjoni tiġi implimentata fil-5 t'Awwissu, hekk kif il-festa tkun għaddiet, billi l-każini jaf diġà ħejjew xi konfetti u sunetti. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li tintbagħat ittra lill-kappillan fejn din tgħid li min ikun se jiżżewweġ tingħatalu din l-ittra bit-termini u kundizzjonijiet sabiex jimxi magħha. Huwa kompla billi qal li jekk din se tirrepeti ruħha, il-pass li jmiss ikun dak tal-bye-law.

**02.08.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar din il-mozzjoni. Il-votazzjoni kienet hekk:

**Favur** 2 **Kontra** 5 **Astensjonijiet** 0

Din il-mozzjoni **ma ġietx approvata.**

**02.09 Quarterly Report (Jannar – Ġunju 2024)**

**02.09.01** L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online sabiex tagħti spjegazzjoni dwar is-2nd Quarterly Report tas-sena 2024.

*Dħul:*

| | |
|---|---|
| Gvern Ċentrali: | €521,176 |
| Permessi: | €29,527 |
| 10% administration fee tal-LESA: | €1,702 |
| Dħul ieħor: | €150 |

*Infiq:*

| | |
|---|---|
| Pagi u onorarji | €146,210 |
| Operazzjoni u manutenzjoni | €296,385 |
| Spejjeż amministrattivi | €45,144 |
| Spejjeż kapitali | €168,005 |
| Grants | €0 |

Il-Financial Statement Indicator (FSI) tal-Kunsill huwa dak ta' 66%.

**02.09.02** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li repairs and upkeep intefaq budget ta' sena f'6 xhur. Huwa xtaq ikun jaf iktar dettalji dwar dan. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb billi qal li dan jiġri għax il-ħaddiema jkunu bdew ix-xogħlijiet qabel ix-xhur tas-sajf.

**02.09.03** Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa lis-Sa Doreen Mintoff jekk id-depreciation imniżżla tinkludix id-depreciation tal-playground. Is-Sa Mintoff wieġbet fil-pożittiv u qalet ukoll li fix-xhur li ġejjin tista' tonqos ukoll.

Il-Quarterly Report li jkopri Jannar u Ġunju 2024 ġie approvat mill-kunsilliera preżenti.

## 02.10 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**02.10.01** Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa dwar pagament numru 181. Huwa xtaq ikun jaf jekk is-somma hijiex se tiġi rimborżata. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li s-somma mħallsa se tiġi rimborżata minn Project Green.

*Petty cash:*

**02.10.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondat mill-Kunsillier Ivan Abela Grech, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 02.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**02.11.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fid-20:45 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 13 t'Awwissu 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 13 t'Awwissu 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________________ | ____________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |